KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 28

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

It-Tlieta 23 ta’ Jannar, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa’ ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is -Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta’
Is-Sur Raymond Lanzon – Kunsillier Pembroke
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara (onlajn)
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta’ Xbiex
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche', sabiex jinforma li ma setax ikun preżenti għal din il-laqgħa.

28.1.2 Il-membri preżenti approvaw din l-ittra ta' apoloġija.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 28 li nżammet nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

28.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa Joanne Debono Grech, sekondata mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

28.2.3 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex il-laqgħa tiddiskuti punt XX mill-aġenda peress li l-Accountant kienet preżenti u ma setatx iddum.

28.2.4 Fuq l-approvazzjoni tal-membri, il-President ressaq fuq il-mejda żewġ rapporti finanzjarji li kienu ntbagħtu lill-Kunsilli Lokali permezz ta' emejl.

## 28.5 Rapporti – *Financial Statements as at 31/12/2023* u *Financial Indicators for Q4 2023*

28.5.1 Is-Sa Perici Ferrante tat spjegazzjoni dettaljata dwar il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun sa l-aħħar tas-sena 2023.

28.5.2 Is-Sa Perici Ferrante ġibdet l-attenzjoni tar-Reġjun sabiex jieħu ħsieb jibda jiġbor il-pagamenti tal-ħlas ta' Diċembru 2023 mill-Kunsilli Lokali, flimkien mal-pagamenti pendent mill-Wasteserv u mill-PROs. Hi żiedet tgħid ukoll kif jekk dawn il-ħlasijiet mhux ser jaslu għand ir-Reġjun, ir-Reġjun ser ikollu problema ta' *cash flow.*

28.5.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, saħaq li r-Reġjun irid jibda jgħamel aktar *pressure* lill-entitajiet kkonċernati sabiex dawn il-ħlasijiet jinġabru.

28.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li mal-Wasteserv kien hemm proċedura tajba fuq il-ħlasijiet sakemm il-ħlas waqaf mingħajr raġuni. Is-Sa Galea spjegat ukoll li diġa bagħtu bil-miktub lill-Wasteserv u ċemplu sabiex jaraw meta ser jgħaddu dawn il-pagamenti pendenti.

28.5.5 Il-President informa lill-membri kif fis-snin preċedenti dan ir-Reġjun kien ikollu biżżejjed riserva biex iqasmu

28.5.6 Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif l-aħħar ammont li kien għad baqa riserva kien intnefaq matul is-sena 2022 mill-iskemi finanzjarji li kienu ħarġu matul dik is-sena u qabel ma jjkun miġbur l-pagamenti pendenti kollha, ir-Reġjun ikun jistà jirrivedi d-deċiżjoni tiegħu.

28.5.7 Kien qbil mill-membri preżenti li għalissa mhux ser jinħarġu skemi finanzjarji ġaladarba l-ħlasijiet pendenti ma jkunux saru.

28.5.8 Is-Sur Dalli ppropona li qabel ma jiġu mħallsa l-ħlasijiet pendenti lir-Reġjun, ir-Reġjun għandu jżomm il-pagamenti dovuti lill-istess entitajiet wkoll.

28.5.9 Il-membri preżenti qablu ma' dan il-proponiment.

28.5.10 Iż-żewġ rapporti ġew approvati mill-membri preżenti.

28.5.11 Il-President informa lill-membri kif dawk il-Kunsilli Lokali li għadhom m'għaddewx id-dokumenti fid-dati stipulati, dawk il-fondi ser jibqgħu għand ir-Reġjun.

28.5.12 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u ppreżentat dawn ir-rapporti fid-dettal lill-membri preżenti u talab mill-membri preżenti sabiex ikomplu mexjin ma' l-aġenda.

## 28.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Ftuħ Uffiċjali tar-Reġjun tal-Kultura 2024*

28.3.1 Il-President, Anthony Chircop, irringrazzja lil kull min kien preżenti għal din l-okkazzjoni li kienet inżammet nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2024 ġewwa The Brewhouse Malta.

28.3.2 Il-membri preżenti faħħru l-programm u l-organizazzjoni ta' din is-serata.

28.3.3 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri preżenti sabiex jaraw li jiltaqgħu mad-Direttur Artistiku, is-Sur Daniel Cauchi, sabiex ikun hemm diskussjoni aħjar fuq l-avvenimenti li ser ikunu qed jinżammu matul din is-sena.

28.3.4 Is-Sur Chircop spjega kif il-Kunsilli Lokali tal-Gżira, San Ġiljan, Birkirkara, Ta' Xbiex, u Pembroke kienu għadhom ma ltaqgħux mas-Sur Cauchi.

28.3.5 Marbut mas-sena kulturali, is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda dokument li ġie provdut mill-aġenzija tal-marketing, Impact.

28.3.6 Wara spjegazzjoni fuq din il-proposta, il-membri preżenti approvaw din il-proposta.

- *Working Group – l-Iskart u l-Indafa*

28.3.7 Il-President informa lill-membri kif l-ewwel laqgħa ta' dan il-*working group* inżammet nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2024 fejn il-maġġoranza ta' l-istakeholders involuti kienu preżenti.

28.3.8 Is-Sa Galea infurmat lill-membri kif l-ewwel laqgħa ser tkun qed tinżamm f'Jannar 2024 u aktar dettalji ser ikunu qed jintbagħtu 'l quddiem.

28.3.9 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif aktar kmieni dakinhar inżammet laqgħa ġewwa l-uffiċċju tar-Reġjun sabiex naraw is-sistema tal-kameras taħdem u spjega kif il-ħsieb huwa li jinżamm sezzjoni nformattiva sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jafu kif jużaw din is-sistema.

28.3.10 Għal din ir-raġuni l-President talab jekk kienx hemm xi Kunsill Lokali li lest li jospita lir-Reġjun sabiex tinżamm din is-sezzjoni nhar it-Tlieta 6 ta' Frar 2024.

28.3.11 Is-Sur Anthony Dalli offra s-sala tiegħu ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija.

28.3.12 Kien hemm qbil sabiex din is-sezzjoni tinżamm ġewwa Ħal Lija u komunikazzjoni dwar dan ser tkun qed tintbagħat b'mod uffiċċjali mill-uffiċċju.

- *Laqgħa li kienet skedata mas-CEO ta' Transport Malta,*

28.3.13 Il-President informa lill-membri kif hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv għandhom jiltaqgħu mas-Sur Jonathan, nhar il-Ġimgħa 2 ta' Frar 2024 peress li l-aħħar laqgħa nhar l-Erbgha 20 ta' Diċembru 2023, ma nżammitx.

28.3.14 Il-President informa lill-membri kif aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *Assessment of Development Impact in the Eastern Region of Malta*

28.3.15 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta mill-Universita ta' Malta dwar it-talba li kienet tqajmet mis-Sindku tas-Swieqi, is-Sur Noel Muscat, dwar l-iżvilupp kbir li qed isir fil-lokalitajiet u kif dawn qed iħallu mpatt. Is-Sur Muscat kien għamel referenza għall-iżvilupp li qed isir lejn Swieqi, Pembroke, u San Ġiljan, pero s-Sur Chircop spjega kif dan l-istudju għandu jinkorporaw ir-Reġjun fil-wisa.

28.3.16 Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni r-Reġjun avviċini lil Profs Maria Attard u qed jiġi mressaq dokument preparat minnha.

28.3.17 Il-membri preżenti qablu li r-Reġjun għandu jieħu deċiżjoni ġaladarba tiġi mgħotija kwotazzjoni.

- *Seminar 'Green Events Framework – A Sustainbility Policy'*

28.3.18 Il-President informa lill-membri dwar dan is-seminar li ser ikun qiegħed jinżamm nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2024 ġewwa AX Palace Hotel.

28.3.19 Is-Sir Chircop ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex ikunu preżenti u sabiex il-lokalitajiet fi ħdan ir-Reġjun jingħaqdu sabiex l-avvenimenti, b'mod speċjali minn din is-sena, jkunu aktar sostenibbli.

28.3.20 *18:30pm – Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

28.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

## 28.6 Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2023

28.6.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, ressaq fuq il-mejda r-rapport li kien ġie ppreparat minnu u diskuss mas-Segretarju Eżekuttiv dwar l-appraisal tas-Sa Galea għas-sena 2023.

28.4.2 Il-membri approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu u rringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol kollu li tagħmel lejn dan ir-Reġjun.

28.4.3 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti li kienu ġew ippreparati mis-Segretarju Eżekuttiv fuq l-impjegati fi ħdan ir-Reġjun.

28.4.4 Dawn ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti.

## 28.7 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

28.7.1 B'referenza għall-pożizzjoni ta' Maniġer tal-Kultura, il-President informa lill-membri kif din is-sejħa kienet għalqet nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2023 u għal din ir-raġuni l-Bord kompost mill-President, Anthony Chircop, flimkien mas-Sur John Pillow u s-Sa Margaret Baldacchino Cefai, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv, kienu ltaqgħu nhar it-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023 sabiex jinżammu l-intervisti. Minn tlettax-il applikazzjoni, sebgħa applikanti attendew għall-intervista.

28.7.2 Il-President informa lill-membri kif il-bord qed jirrakomanda lis-Sa Lisa Gwen Baldacchino għal din il-pożizzjoni. Pero jekk is-Sa Baldacchino ma tilqax din il-pożizzjoi, il-bord irrakomanda lis-Sur James Hamberger bħala t-tieni preferenza u lis-Sa Rachel Abdilla.

28.7.3 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

- *Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

28.7.4 B'referenza għal din il-pożizzjoni, il-President informa lill-membri kif mis-sejħa li kienet għalqet fid-29 ta' Diċembru 2023 sfortunatament dawk li applikaw ma kienux eleġibbli u għal din ir-raġuni reġgħet inħarġet din is-sejħa esternament. Minħabba li kien hemm tliet applikazzjonijiet eleġibli, l-intervisti nżammu dalgħodu mill-bord kompost minnu flimkien mas-Sindku ta' l-Imsida, Is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv.

28.7.5 Is-Sur Chircop spjega kif fl-aħħar minuta s-Sindku ta' Sliema, is-Sur John Pillow kien informa lill-bord li ma setax ikun preżenti għal dawn l-intervisti minħabba laqgħa oħra urġenti.

28.7.6 Is-Sur Chircop informa lill-membri preżenti kif il-bord kien qed jirrakomanda lis-Sa Kathleen Cardona għal din il-pożizzjoni.

28.7.7 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni.

- *Reġistratur fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 11, FT*

28.7.8 B'referenza għal din il-vakanza, il-President informa lill-membri kif wara l-laqgħa li kienet inżammet mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Emil Vassallo, flimkien mar-Reġistratur, Lydia Zammit, is-Sa Zammit irtirat l-ittra ta' riżenja tagħha.

28.7.9 Is-Sur Chircop spjega kif il-problema fit-tribunal u x-xogħol relatat għadu l-istess u ġejna nfurmati li ser jiżdied. Għal din ir-raġuni qed nibqgħu f'kuntatt dirett mas-Sur Vassallo dwar il-problemi relatati mat-tribunal lokali.

- *Clerk/ Kaxxier fit-Tribunal Lokali ta' San Ġwann – Skala 13, FT*

28.7.10 Il-President informa lill-membri kif nhar it-Tlieta 9 ta' Jannar 2024, dan ir-Reġjun bagħat talba lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u lil Josbplus sabiex jinbeda l-proċess biex jiġi ngaġġat persuna f'din il-pożizzjoni. Din l-applikazzjoni għalqet nhar it-Tlieta 23 ta' Jannar 2024, u peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lid-DLG u lil Jobsplus dwar dan sabiex din is-sejħa titkompla bil-proċess.

28.7.11 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 28.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Rapporti Amministrattivi mill-Maniġers*

28.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet rapporti li kienu ppreżentati mill-Manigers, Ryan Zammit, Andrea Borg Brincat u Marija Vassallo.

28.8.2 Is-Sur Chircop spjega li kopja ta' dawn ir-rapporti kienu ġew mgħoddija aktar kmieni dakinhar u talab għal kummenti tal-membri preżenti.

- *Kwotazzjonijiet*

28.8.3 Il-President ressaq fuq il-mejda dawn il-kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-membri:

28.8.4 Għal ftuħ uffċjali tar-Reġjun tal-Kultura għall 2024:

- *Backdrop* - AF Printworks - €1,062
- Dawl u Sound - €11,689.97 – Costa Consulta Ltd.
- Servizz ta' Fotografija Photography Service for Opening Ceremony – Sebio Aquilina - €283.20
- *Videographer* – CP Creative Photgraphy Malta - €550.00
- Wall Mounted Pictures – The Sign Factory - €1,954.08
- Filmat qasir sabiex jintuża għal promozzjoni – Videocafe – €2,950.00
- Kiri ta' vann sabiex isir il-filmat fuq jumejn – Ecabs – €630.00

28.8.5 Kwotazzjonijiet oħra:

- Post sabiex jinżamm is-seminar Green Events Framework – l-orħos kwotazzjoni ta' AX The Victoria Hotel - €444.07.
- Sabiex jinxtraw 10 Wheelie Bins għall-avvenimenti li jifilħu 120 litres– l-orħos kwotazzjoni ta' Tabone Enterprise Malta Ltd ta' €619.50

- Filming of 12 Interviews – Nest Creative Lab - €10,525.60
- Videographer for 1 final video – Videocafe - €743.40
- Videograpger for 12 outreach Project – Videocafe - €5,596.80
- Insurance biex tkopri 12-il proġett ta' l-Outreach – Antes Insurance - €3,335.00

- *Skema tal-Latrini Pubbliċi*

28.8.6 B'referenza għal din l-iskema, il-President spjega kif peress li l-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali li qed jipparteċipaw f'din l-iskema għadhom għaddejjin bil-proġett, ġiet imressqa talba f'isem il-Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm estenzjoni fid-data ta' sa meta ix-xogħol għandu jkun komplut.

28.8.7 Is-Sur Chircop spjega kif aġġornament dwar dan ser ikun qed jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Bee Signs*

28.8.8 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar dawn it-tabelli li huwa proġett li qed jiġi kkordinat mill-Maniger ta' l-Ambjent, Andrea Borg Brincat.

28.8.9 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri sabiex jaraw li jipprovdu d-dettalji ta' fejn dawn għandhom jitpoġġew fil-lokalitaijiet ta' dan ir-Reġjun.

- *Ċirkurlari AKL 2024/011 ECAD Membership 2024*

28.9.10 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, il-President talab lill-membri l-opinjoni tagħhom sabiex jara jekk ir-Reġjun għandhux iħallas l-ispiża ta' €250 għal kull lokalità u għar-Reġjun, fejn l-ammont totali huwa dak ta' €3,250.

28.9.11 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti, il-membri qablu sabiex din is-sħubija terġa titħallas għal din is-sena wkoll.

## 28.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.9.1 Il-Viċi President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

28.9.2 Is-Sindku tal-Għarghur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 25A u 25B.

28.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 28.10 Mozzjonijiet

28.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 28.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Frar 2024, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 19 ta' Frar, 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |